FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 15 T' APRIL, 2002

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 509/02 JB**

**Ivan Fsadni**

**vs**

**Pilastri Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm776.25c (seba' mija sitta u sebghin liri Maltin u hamsa u ghoxrin il-centezmi) rappresentanti hlas ghal xoghol professjonali li l-attur ghamel fuq ordni tal-istess socjeta' konvenuta.

Oltre l-imsemmi kreditu, s-socjeta' konvenuta hija mitluba thallas l-imghax legali mit-18 ta' Gunju, 2001 data tal-hrug tal-fattura li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm 776.25c (seba' mija sitta u sebghin liri Maltin u hamsa u ghoxrin il-centezmi) rappresentanti hlas ghal xoghol professjonali li l-attur ghamel fuq ordni tal-istess socjeta' konvenuta, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**